

Brussell, 5 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16201/25
ADD 1

LIMITE

AG 189
BETREG 47

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Konklużjonijiet dwar is-simplifikazzjoni u regolamentazzjoni aħjar
- Dikjarazzjoni mill-Portugall

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness dikjarazzjoni mill-Portugall.

DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL

Il-Portugall jappoġġa l-oġġettivi tal-UE dwar l-aġenda ta' simplifikazzjoni u regolamentazzjoni aħjar, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza ta' dawn l-isforzi biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa filwaqt li jiġu sostnuti l-istandards għoljin u l-integrità tas-Suq Uniku. Dawn l-oġġettivi jridu jintlaħqu fir-reġjuni u t-territorji kollha tal-UE, filwaqt li jitqies kif xieraq l-impatt differenti li l-leġislazzjoni tal-UE jista' jkollha fuq is-sistemi legali tal-Istati Membri. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 349 TFUE jistabbilixxi l-ħtieġa speċifika li jitqiesu l-karatteristiċi u l-limitazzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi. Tali singularità, kif rikonoxxuta mit-TFUE, trid tiġi osservata kif xieraq mill-Kummissjoni meta twettaq valutazzjonijiet tal-impatt tal-proposti leġislattivi li mistennija jkollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali sinifikanti.
